# *L-IRXOXT TAR-RABAT*

**Dan l-artiklu, Pawlu Cachia kitbu fl-1972.**

Fost l-istatwi li joħorġu nhar l-Għid fl-ibliet u l-irħula ta' Malta waħda mill-aktar artistiċi hija dik tar-Rabat. Il-purċissjoni bħal biċċa l-kbira ta' dawk li jsiru, toħroġ il-Ħadd fil-għodu mill-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl.

L-istatwa ta' l-Irxoxt hija meqjusa bħala artistika minħabba li hi maħduma mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri, li Malta kollha tiftaħar bix-xogħol li għandu mxerred fil-paroċċi ta' dawn il-gżejjer.

Wistin Camilleri ħadem l-istatwa tar-Rabat fl-1915 bi ħlas ta' Dun Vinċenz Vella. Din l-istatwa saret wara li l-istess qassis kien ħaseb jagħmel l-istatwa tal-Papa Piju IX għall-festa ta' San Ġużepp. L-istatwarju Għawdxi ħadem l-istatwa ta' l-Irxoxt meta kellu wieħed u tletin sena.

Hu magħruf li fir-Rabat kien hemm statwa oħra ta' l-Irxoxt; imma kienet hekk kerha li xi nies qabdu u ħarquha.

Ix-xogħol fuq l-istatwa dam xi sitt xhur u din kienet lesta għal kollox fl-1916. Jingħad li qamet bejn għoxrin u ħamsa u għoxrin lira, somma li għal dak iż-żmien kienet mhux ħażin.

Meta kienet lesta l-istatwarju bagħat l-istatwa minn Għawdex fuq dgħajsa tal-latini billi dak iż-żmien il-vapur ta' Għawdex kien għadu ma bediex jaħdem. Dun Viċenz Vella u xi nies oħra ta' madwar il-Knisja ta' San Pawl kienu niżlu jilqugħha f'San Pawl il-Baħar. Huma tellgħuha r-Rabat fuq karettun miġbud minn żiemel.

Meta waslu r-Rabat l-istatwa tqegħdet f'maħżen biswit fejn illum hemm il-Każin tal-Banda Konti Ruġġieru.

L-istatwa ta' l-Irxoxt hija l-waħdanija tax-xorta tagħha li ħadem l-istatwarju Għawdxi, għalkemm huwa kien ħadem statwa oħra ta' l-Irxoxt għall-Maltin ta' Tuneż, iżda din kienet żgħira, daqs erba' piedi kollox, u m'għandniex xi ngħidu m'għandha x'taqsam xejn ma' dik tar-Rabat.

L-istatwa hija maestuża għall-aħħar għax fiha erba' figuri: Kristu rebbieħ fuq il-mewt, l-anġlu li waqqa' l-blata u żewġ suldati li kienu għassa.

Dari l-funzjonijiet tal-Għid kienu jsiru s-Sibt u għalhekk l-qniepen kienu jindaqqu għall-ħabta tal-ħdax ta' fil-għodu. Kienet drawwa fir-Rabat li xi żewġt irġiel kienu joħorġu jħabbru l-Glorja bid-daqq tal-katuba u s-suffara. It-tfal kienu jiġru warajhom igħajtu "Tat-tattira tira tira, Kristu rxoxta bil-bandiera."

Għalhekk xi nies f'Sibt il-Għid ta' l-1916 marru fetħu l-maħżen fejn kien hemm l-istatwa li kienet għadha kemm waslet minn Għawdex u qabdu u ħarġuha. Dawn daru biha mat-toroq tar-Rabat. Dak in-nhar ir-Rabtin urew l-għoġba u l-ferħ tagħhom għall-istatwa l-ġdida. Wara li dawruha mar-Rabat imbagħad daħħluha fil-knisja u ħejjewha biex toħroġ l-għada waqt il-purċissjoni.

L-għada fil-għodu, Ħadd il-Għid, l-istatwa ħarġet għall-ewwel darba u baqgħet toħroġ kull sena, tneħħi darba 'l hawn u 'l hinn minħabba x-xita. Ftit snin ilu għal waqt il-purċissjoni xi żgħażagħ ta' madwar il-knisja ta' San Pawl bdew iżejnu l-istatwa bil-ward ifuħ.

Il-Banda Konti Ruġġieru tkabbar ukoll il-

(għal p.33)



**L-istatwa ta' l-Irxoxt fil-purċissjoni tal-Għid fil-bidu tas-snin sebgħin.**



# *50 SENA SAĊERDOT*

Din is-sena jaħbat il-ħamsin anniversarju minn meta Patri Wistin Micallef O.S.A., Rabti Pawlin u Reliġjuż attiv sew fil-Proto Parroċċa u Kolleġġjata tagħna, ġie ordnat saċerdot.

Patri Wistin twieled ir-Rabat ta' Malta fl-10 ta' Diċembru 1910 minn Pawlu u Lwiġa mwielda Camilleri. Ftit ġranet ware ġie mgħammed fil-Parroċċa tagħna. Minn mindu kien għadu żgħir wera l-ġibda tiegħu sew lejn il-ħajja Reliġjuża kif ukoll lejn il-Parroċċa ta' San Pawl, u daħal abbati fil-knisja tagħna fl-età tenera t'għaxar snin. Wara seba' snin Alla sejjaħlu għall-ħajja Reliġjuża u fl-20 ta' Novembru, 1927 ingħaqad mal-Ordni Agostinjan, propju fil-Kunvent ta' San Mark tar-Rabat, fejn għamel ukoll l-istudju tiegħu.

Fis-26 ta' Lulju 1936 ġie ordnat saċerdot fil-Knisja ta' Santu Wistin fir-Rabat, Għawdex. Fi ħdan l-Ordni Agostinjan, Patri Wistin ġie afdat b'ħafna karigi w xogħlijiet, fosthom dawk ta'; għalliem fl-iskola Agostinjana tal-Belt Valletta, Surmast tan-Noviżżi u Pirjol fil-Knisja ta' Santa Rita li tinsab f' San Ġiljan (1961).

Alla l-Imbierek żejnu b'ħafna talenti, fosthom dak tal-vuċi li biha mela l-Knejjes bil-predikazzjoni tal-Kelma t'Alla, kif ukoll bil-kant fuq l-orgni jew fil-kor. Bħala predikatur mħeġġeġ, ippriedka tista' tgħid fil-Knejjes kollha ta' Malta u Għawdex, kif ukoll f'Tuneż (għall-Maltin u t-Taljani). Għal darbtejn ippriedka it-Tridu w il-Paniġierku ta' San Pawl. Fuq l-Orgni leħnu għadu sal-lum jidwi fil-Knisja Kolleġjata tagħna tista' tgħid f'kull funeral u quddiesa kantata.

Aħna r-Rabtin speċjalment dawk l-aktar li jiffrekwentaw il-Knisja Kolleġjata ta'San Pawl jafu b'liema ħeġġa w dedikazzjoni jagħti l-għajnuna tiegħu biex inkabbru l-festi tagħna speċjalment fil-funzjonijiet ta' ġewwa l-Knisja. Ħafna drabi f' dawn l-funzjonijiet ikun iċ-ċerimonier. Ta' min isemmi wkoll li fl-1974 kien mexxa s-siegħa adorazzjoni ta' bil-lejl li kienet saret f'għeluq il-50 sena minn meta waqgħet il-koppla.

Aħna filwaqt li nirringrazzjaw lil Alla u lilu għas-serviżż fejjiedi li ta għadu jagħti fil-Knisja Kolleġjata tagħna nawgurawlu ħajja twila mimlija għomor biex ikompli jaqdi l-missjoni qaddisa li Alla fdalu bħala Saċerdot u Reliġjuż - AD MULTOS ANNOS!

**IL-BORD EDITORJALI**

(minn p. 31)

briju ta' nhar Ħadd il-Għid permezz ta' marċijiet fil-Pjazza tal-Kolleġġjat waqt il-ħruġ u d-dħul ta' l-istatwa.

Għal din is-sena, għall-ewwel darba l-banda se ddur ukoll mat-toroq tar-Rabat mal-purċissjoni, filwaqt li s-surmast tal-banda, Mro. Vinċenzo Ċiappara kiteb innu f'ġieħ Kristu Rxoxt fuq versi ta' l-Arċipriet Dun Pawl Attard. Dan l-innu se jiżżanżan għall-ewwel darba din is-sena minn kor tat-tfal flimkien ma' xi marċijiet brijużi li nkitbu għal din l-okkażjoni mis-Surmast Ċiappara stess.

Dari waqt il-purċissjoni tal-Għid fir-Rabat kienu jisparaw il-murtali u t-trikkitrakki filwaqt li l-bejjiegħa tal-qubbajt ma kenux jonqsu milli jarmaw l-imwejjed tal-qubbajt. Kien ikun hemm ukoll il-bejjiegħa tal-figoli u l-bajd tal-Għid, Il-ġenituri kienu jixtru l-figolli lil uliedhom u dawn bil-figolla f'idejhom hija u għaddejja l-purċissjoni kienu jitolbu lil Kristu Rxoxt biex iberikhielhom.

Għalhekk wieħed jara li l-purċissjoni ta' l-Irxoxt fir-Rabat hija waħda mill-aktar qadima u li magħha diga' ntrabtu bosta ġrajjiet u tradizzjonijiet. Iżda l-qofol tal-purċissjoni mingħajr l-iċken dubju hija l-istess vara artistika li hija waħda mill-aħjar li ħarġu minn idejn l-istatwarju Wistin Camilleri li sallum għadu mimli bil-għomor.